MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Rikors Numru. 41/2004/1

Il-Pulizija
vs
Mario Camilleri, Pierre Camilleri, Anthony John Grech Sant u Joseph Zammit

Il-Qorti,

## A. REFERENZA:

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat [illum Imhallef] Dr. Abigail Lofaro LL.D. tal-5 ta' Novembru, 2004, li fih inghad fost affarijiet ohra:

"Semghet lil Dr. Soler ghall-imputat Joseph Zammit jaghmel referenza ghas-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2003 tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Il-Pulizija kontra Dr. Noel Arrigo u Dr. Patrick Vella" u jissottometti li l-kaz kontra Arrigo u Vella minn naha wahda, u l-kaz kontra Zammit min-naha l-ohra, huma relatati u konnessi. Sahansitra jista' jinghad illi l-kaz ta' l-Imhallfin huwa

almenu parzjalment dependenti fuq dak ta' Zammit minhabba r-ragunijiet segwenti:
(1) il-fatti speci partikolari tal-kaz, il-provi kollha u x-xhieda kollha ipprezentata mill-Prosekuzzjoni;
(2) is-somiljanza ta' l-akkuzi fil-konfront ta' Arrigo u Vella min-naha 'l wahda u Zammit min-naha l-ohra;
(3) il-fatt illi l-imputati kollha kienu suspettati, arrestati u interrogati fl-istess zmien;
(4) il-fatt illi l-allegat "actus reus", jigifieri l-allegati atti li jikkostitwixxu r-reati addebitati huma naxxenti minn allegati atti kommessi mill-imputati kumulittivament, u cioe` flimkien, u mhux indipendentement jew separatament;
(5) il-fatt illi l-allegati reati ma kienux jigu allegatament ikkunsmati li kieku ma kienux ghall-partecipazzjoni ta' l-imputati kollha;
(6) il-fatt illi l-Prim Ministru irrefera ghal terzi persuni fil-konferenza stampa, liema terzi persuni sussegwentement tressqu l-Qorti u huma imputati fil-proceduri odjerni.
Ghalhekk in-nexus bejn dawn iz-zewg kazijiet huwa manifest u apparenti. Dan huwa ulterjorment sostanzjat ghaliex jekk inghatat impressjoni li l-ex-Imhallfin huma hatja, huwa necessarjament implicitu li nghatat impressjoni li l-komplici u, jew ko-partecipanti, it-terzi persuni li direttament, jew indirettament, allegatament ippartecipaw fir-reat, huma wkoll hatja.
F'dan il-kuntest l-imputat Zammit irrefera ghas-sentenza datata 10 ta' Frar, 1995 fl-ismijiet "Allemet De Ribemont kontra Franza" fejn il-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem insenjat illi "reference, without qualification, at a press conference conducted by senior officials that a person was an accomplice to murder amounted for a declaration of guilt in breach of Article 6 (2)."
Ghalhekk, jekk gie lez id-dritt ghall-smigh xieraq tal-ex Imhallfin, gie lez ukoll id-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat Zammit ghar-ragunijiet suesposti. L-imputat Zammit jitlob li din il-kwistjoni tigi mibghuta lill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjoni) a tenur tal-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u 4 (3) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta….
Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdu illi meta tqum xi kwistjoni dwar allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ir-rimedju ghandu jintalab jew billi jigi intavolat rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew jekk il-kwistjoni tqum waqt xi proceduri f’Qorti li ma tkunx il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti Kostituzzjonali, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, kemm il-darba fil-fehma taghha it-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja.

Illi l-Qorti tibda biex tiddikjara li d-drittijiet fondamentali tal-bniedem protetti kemm mill-Kostituzzjoni ta’ Malta, kif ukoll mill-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta huma l-bazi tas-sistema legali u demokratika ta’ pajjizna.

Illi kull meta jinkiser xi dritt fundamentali tal-bniedem tigi ikkrejata tebgha li forsi tista’ tigi b’xi mod rimedjata, imma qatt ma tista’ tithassar.  Isegwi ghalhekk illi meta titqajjem kwistjoni quddiem Qorti li mhix il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti Kosituzzjonali, il-Qorti ghandha dejjem tirreferi l-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili u dana, kif diga inghad, kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja.

Illi huwa utili illi jinghad f’dan l-istadju illi meta Qorti tezamina jekk it-tqanqil tal-kwistjoni huwiex semplicement frivola jew vessatorja, il-Qorti trid tara biss jekk it-tqanqil ta’ dik il-kwistjoni hiex serja jew le, il-frivolita`, jew jekk il-kwistjoni tkunx tqajjmet sabiex semplicement, b’mod malizjuz, jigu ostakolati jew imtawwla il-proceduri, il-vessazzjoni.  Huwa dan illi trid tara din il-Qorti u xejn aktar minn hekk.

Illi qabel mal-Qorti tghaddi ghad-decizjoni taghha dwar jekk il-kwistjoni imqajjma hiex semplicement frivola jew vessatorja, il-Qorti sejra titratta s-sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali fis-sens illi t-talba sabiex isir ir-referenza saret wiehed u ghoxrin xahar wara illi saret il-konferenza stampa imsemmija.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tirrileva illi allegazzjoni ta' din ix-xorta tista' titqajjem f'kull stadju ta' kawza u meta titqajjem quddiem kull Qorti li mhix il-Prim Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, dik il-Qorti ghadha l-obbligu li tirreferi l-kwistjoni lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sa kemm fil-fehma taghha it-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja.

Illi wkoll l-Artikolu 46 subartikolu (3) tal-Kostituzzjoni jghid ukoll illi hija biss il-Prim' Awla tal-Qorti Civili bi dritt ta' Appell lill-Qorti Kostituzzjonali li tkun investita li taghti d-decizzjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha, b'daqstant li dik il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-istess skond dik id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili, jew tal-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali skond il-kaz.

Illi t-tieni sottomissjoni ta' l-Avukat Generali kienet illi l-akkuzati messhom ghamlu rikors separat dwar it-talbiet taghhom; liema rikors ma kienx izomm il-prosegwiment ta' dawn il-proceduri.  Mentri r-referenza izomm lil din il-kawza milli tigi deciza sa kemm tkun pendenti r-referenza.

Illi dejjem skond il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali, l-uniku skop tat-talba kien sabiex il-Qorti tinzamm milli tiddeciedi din il-kawza u dan il-fini huwa mhux biss semplicement, izda manifestament frivolu jew vessatorju.

Illi minn ezami taz-zewg rikorsi illi gewipprezentati gie sottomess illi gie lez d-dritt ghal smigh xieraq ta' l-imputat Mario Camilleri, kif ukoll tal-imputati Pierre Camilleri u Joseph Zammit.

Illi f'dan ir-rigward saret referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dr Noel Arrigo et", deciza fid-29 ta' Ottubru, 2003 fejn gie konkluz illi *"mill-assjem tal-konsiderazzjonijiet illi hija ghamlet sa issa, gja hemm ragunijiet bizzejjed sabiex jigi dikjarat illi gie lez id-dritt taghhom tal-presunzjoni ta' l-innocenza garantit bl-Artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea".*

Illi saret referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem fl-10 ta’ Frar 1995 fl-ismijiet “Allenet de Ribemont vs France” (Applikazzjoni 00015175/89), fejn il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjara illi “reference, without qualification, at a press conference conducted by senior officials that a person was an accomplice to murder amounted to a declaration of guilt in breach of Article 6(2)”. Saret referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet “Daktaras vs Lithuania”.

Illi dwar is-sottomissjoni tal-Kummisarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali illi minflok ma saru rikorsi f’dawn il-proceduri messu sar rikors fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili dwar allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem, il-Qorti tara illi l-Ligi stess tipprovdi, kif diga intqal aktar ’il fuq f’dan id-digriet, illi tista’ issir talba ghar-referenza ta’ allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem f’kull Qorti u fi kwalunkwe stadju tal-procediment.

Illi una volta il-ligi stess tipprovdi ghal din il-procedura, din il-Qorti ma tista’ bl-ebda mod tiehu dan il-fattur in konsiderazzjoni ghaliex il-funzjoni ta’ din il-Qorti hija limitata biss sabiex tara jekk it-talbiet ghar-referenzi li saru humiex semplicement frivoli jew vessatorji.

Illi, skond il-gurisprudenza nostrana, **“frivola” tfisser illi l-kwistjoni ma ghandha l-ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sens u li ma jishoqilhiex attenzjoni. Filwaqt illi “vessatorja” tfisser illi l-kwistjoni giet issollevata minghajr ragunijiet sufficjenti u bl-iskop li iddejjaq, jew tirrita lill-kontro-parti.**

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti, t-talbiet illi saru ghar-referenza mhumiex semplicement frivoli u, jew vessatorji fit-termini ta’ l-Artikolu 46 subartikolu (3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artikolu 4 subparagrafu (3) tal-Kapitolu 319.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet illi saru ghar-referenza, stante illi dawn it-talbiet mhumiex *prima facie* semplicement frivoli u, jew vessatorji, u qeghda thalli l-kawza ghall-provi tad-difiza ghas-16 ta' Dicembru 2004 fl-10.00 a.m."

**B. RISPOSTA:**

Rat in-nota ta' Anthony Grech Sant tas-16 ta' Novembru, 2004 li permezz taghha iddikjara li hu qatt ma talab referenza dwar il-kaz tieghu.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali u tal-Kummissarju tal-Pulizija li biha esponew:

1. In linea preliminari t-talbiet ta' l-imputati ghal dikjarazzjoni ta' ksur ta drittijiet fundamentali kienu frivoli u vessatorji u kienu qed isiru b'abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu l-ilment taghhom kienu ressquh ghall-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'Dicembru 2003 u cioe` aktar minn 16-il xahar wara li kienet saret il-konferenza stampa (dik mizmuma mill-Onorevoli Prim Ministru fl-1 t'Awissu 2002) li l-imputati llum kienu qed jilmentaw li kienet ippregudukatilhom il-prezunzjoni ta' l-innocenza. Kien principju stabbilit li ***'the law does not protect those who sleep over their rights'.*** Il-fatt li wiehed ikollu lanjanza u ma jqajjimhiex kemm jista' jkun malajr izda joqghod jistenna u maz-zmien johrogha mill-komma jgib bhala konsegwenza li t-tqanqil ta' dik il-lanjanza jkun 'frivolu u vessatorju'. Il-frivolu jew vessatorju ma kienx biss l-infondat, il-fieragh jew il-hmerija, izda t-tqanqil ta' argument, anke jekk ikun validu, b'mod intempestiv u b'mod illi kien ikun jidher manifestament illi jkun intaghzel biex jarena l-proceduri. Illi f'dan il-kaz l-imputati mhux talli kienu naqsu milli jqajmu l-lanjanza taghhom ***'a tempo vergine'*** izda talli lanqas biss kienu qajjmuha meta kien fatt pubblikament maghruf illi l-konferenza stampa in kwistjoni kienet tifforma l-oggett ta' kawza kostituzzjonali fuq l-istess punti mqajma minnhom kemm fil-Prim'Awla kif ukoll fil-Qorti Kostituzzjonali. Illi ghalhekk kien car illi l-iskop principali tat-talbiet tal-imputati kienu dilatorji u intrinsikament frivoli u vessatorji fihom infushom u kienu qed isiru b'mod abbuziv tal-process gudizzjarju.

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost l-allaccjar tal-kaz tal-imputati mal-kaz tal-ex-imhahlfin u l-ibbazar tat-talbiet taghhom eskluzivament fuq is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 t'Ottubru 2003 fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Dr.Noel Arrigo et**" kienu wkoll infondati u insostenibbli stante li HADD mill-imputati odjerni ma kien issemma f'dik il-konferenza stampa b'ismu bhala li kienu ikkorrompew jew ippruvaw jikkorrompu lill-ex imhalhfin u l-isem ta' Mario Camilleri kien gie kwotat biss in kwantu kien jifforma parti mill-okkju ta' kawza illi l-andament taghha kien qed jigi investigat. Kien isegwi ghalhekk li din ir-riferenza ghall-okkju, ma kenitx tpoggi l-oneru tal-prova dwar il-htija ta' Mario Camilleri fuqu u dan wisq anqas tenut kont li f'dan l-istadju kien gie deciz definittivament li l-kawza kellha tigi determinata mill-istess gudikant professjonali li kien qed jiehu konjizzjoni taghha.

3. Illi in vista tas-suespost u wkoll in linea preliminari n-nuqqas ta' ***locus standi*** tal-imputati l-ohra, minbarra Mario Camilleri, u dan stante li mkien fil-konferenza stampa in kwistjoni ma kien issemma isimhom jew kienet saret riferenza ghalihom, la b'mod dirett u wisq anqas indirett.

4. Illi fil-mertu kien jidher illi l-kwistjoni riferita lil din il-Qorti kienet limitata ghall-punt jekk fil-kuntest ta' l-imsemmija konferenza stampa u ta' dak li kien imputat li qal l-ex Prim Ministru, kienx hemm ksur tad-dritt ta' l-imputati ghal smigh xieraq kif garantit fl-Artikoli 39 (1) u 39 (5) tal-Kostituzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 (1) u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

5. Illi in kwantu ghall-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija kienu rribattew li l-process kollu kien irid jigi ezaminat fl--interezza kollha tieghu biex wiehed jara jekk kienx hemm smiegh xieraq o meno. Illi konsegwentement in vista ta' dak li diga kien intqal f'paragrafu 2 ta' din ir-risposta, dak li kien qal l-ex Prim Ministru fil-konferenza stampa ma kienx

ser jincidi fuq id-dritt tal-imputati ta’ process gust, u lanqas kien jinfluwenza lil min ghandu jiggudika. Fil-fatt l-ex Prim Ministru wara li spjega x’kien irrizulta lill-pulizija kien stieden lil kulhadd biex jistenna r-rizultat tal-investigazzjonijiet li kienu qed isiru skond il-ligi.

6. Illi inoltre kienu jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt proceduralі Malti biex jovvjaw ghal kull periklu ta’ ntralc ta’ smiegh xieraq allegat mill-imputati fl-isfond kollu ta’ l-istess konferenza stampa, wiehed ghalhekk ma kienx jista’ jghid qabel ma jigi konkluz il-process kollu li dawn is-salvagwardji ma kienux fil-kaz ta’ l-imputati kienu ser ikunu bizzejjed biex jiggarantulu process xieraq u smigh gust.

7. Illi in kwantu ghall-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija kienu irribattew li fil-konfront ta’ l-imputati odjerni l-konferenza in kwistjoni ma kellha xejn li kien seta’ jilledi d-dritt taghhom ghall-prezunzjoni ta’ l-innocenza. L-ex Prim Ministru ma kien qal xejn li bih kien jista’ jimputa htija lill-imputati. Huwa kien sempliciment uza termini li jintuzaw f’okkazjonijiet meta jkun qed jinghata taghrif dwar investigazzjonijiet li jkunu ghaddejjin u l-unika darba li kienet saret riferenza ghal wiehed biss mill-imputati odjerni kienet ghal Mario Camilleri imma biss fil-kuntest indikat f’paragrafu 2 ta’ din ir-risposta.

8. Illi inoltre certament li l-enfasi tal-konferenza stampa in kwistjoni kien fuq l-emergenza li kienet inholqot fil-pajjiz in vista ta’ dak li kien gara in konnessjoni mal-ex-imhallfin, u certament li kwalunkwe pubblicita` li kienet saret anke mill-*media* kienet saret BISS fil-konfront ta’ l-ex-imhallfin u mhux ta’ l-imputati. Kwalunkwe referenza li kienet saret ghall-imputat Mario Camilleri kienet hiss sekondarja u b’riferenza esklussivament ghall-investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin fil-konfront tal-istess ex-imhallfin.

9. Illi fi kwalunkwe kaz il-gurisprudenza nostrana kienet cara fis-sens illi biex wiehed jara jekk process hux

gust jew le, kellu jara l-process fl-interezza tieghu, u dan kien rifless ukoll mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea li nota taghhom giet annessa ma' din ir-risposta.

10. Ghaldaqstant l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija ssottomettew li ma kien hemm ebda lezjoni ta' xi drittijiet tal-imputati u ghalhekk it-talbiet taghhom kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

**C. PROVI:**
Illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali esebew diversi dokumenti, fosthom it-traskrizzjoni tal-konferenza stampa moghtija mill-Onorevoli Prim Ministru fl-1 ta' Awissu 2002 (fol 137), sentenza tas-16 ta' April 1973 tal-Qorti Kostituzzjonali (fol 142), sentenza tas-26 ta' Gunju 2002 tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet "**Case of Butkevieius vs Lithuania**" (fol 163), sentenza tas-17 ta' Jannar 2001 tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet "**Daktaras vs Lithuania**" (fol 179), sentenza ta' l-10 ta' Frar 1995 tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet "**Ribemont vs France**" (fol 194) u sentenza tal-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' **Peter Sutter** (fol 218).

Rat il-***video tapes*** tal-konferenza stampa, registrazzjoni tal-programm Team imxandar fuq Super One Television, u registrazzjoni tal-programm BondiPlus, liema programm kien dedikat interament ghall-kaz.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' Mario Camilleri, Pierre Camilleri u Joseph Zammit a fol 237 sa 251 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija a fol 254 sa 261 tal-process.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
***<u>D1. REFERENZA:</u>***

Ikkunsidrat illi l-Qorti tal-Magistrati irrilevat li allegazzjoni ta’ din ix-xorta tista’ titqajjem f’kull stadju tal-proceduri u li kull Qorti li mhix il-Prim’ Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali ghandha l-obbligu li tirreferi l-kwistjoni lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili sakemm fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliciment frivola jew vessatorja.  L-imputati kienu ssottomettew li gie lez id-dritt ghal smigh xieraq ta’ Mario Camilleri, Pierre Camilleri u Joseph Zammit.  Huma fil-fatt kienu talbu li ssir ir-referenza u mhux ghamlu rikors appozitu quddiem il-Prim’ Awla.  Il-Qorti tal-Magistrati hasset li ***una volta*** l-ligi stess tipprovdi ghall-procedura, il-qorti hija limitata biex tara jekk it-talbiet ghar-referenza humiex sempliciment frivoli (kwistjoni li ma ghandha l-ebda pregju jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u li ma jisthoqqilhiex attenzjoni) jew vessatorji (kwistjoni sollevata minghajr ragunijiet sufficjenti bl-iskop li ddejjaq jew li tirrita lill-kontro parti) u peress li waslet li ma kienux ta’ din in-natura, fit-termini ta’ l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u 4(3) tal-Kap 319 ordnat ir-referenza.

***<u>D2.   KONFERENZA STAMPA:</u>***

Din il-Qorti sejra tikkwota diversi partijiet tal-konferenza stampa mizmuma minn dak iz-zmien l-Onorevoli Prim Ministru Dr. Edward Fenech Adami, fil-Hamis, l-1 ta’ Awissu 2002.  Il-kliem sottolinejat hawn taht gie sottolinejat minn din il-Qorti.

“**Il-Prim Ministru:**

Sinjuri, qed insejjah, sejjaht ossia, din il-konferenza stampa, ghax nixtieq, nitkellem fuq materja ta’ importanza, li nhoss li l-pubbliku Malti ghandu jkun maghraf biha b’mod ufficjali.

Il-Qrati ta’ pajjizna dejjem gawdew u ghadhom igawdu l-fiducja tal-poplu taghna. Jiddispjacini li jkolli ninforma lill-pubbliku, li llum, zewg Imhallfin, qedghin jigu investigati ghal-reati serji mill-Pulizija.

Fil-Hamsa ta’ Lulju ta’ din is-sena, gie deciz appell mill-Qorti Kriminali ta’ l-Appell preseduta mill-President tal-Qrati Noel Arrigo, l-Imhallef Patrick Vella u l-Imhallef Joseph Filletti. Il-kawza li giet deciza dak in-nhar, almenu

wahda minnhom, kienet ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri. Fl-ewwel Qorti, l-akkuzat Mario Camilleri kien gie misjub hati wara li kien ghamel ammissjoni huwa stess, ta' reati ta' traffikar ta' droga u reati ohra konnessi, u gie ikkundannat ghal-sittax-il sena habs. Granet qabel is-sentenza ta' l-Appell, sar maghruf, li kienu qeghdin isiru kuntatti ghan-nom ta' l-akkuzat, mal-Imhallef Patrick Vella, u mal-Prim Imhallef Noel Arrigo, biex il-kundanna ta' habs titnaqqas b'erba snin, minn erbatax-il sena ghal tnax-il sena, minn sittax-il sena ghal-tnax-il sena, u li dawn iz-zewg Imhallfin, gew imweghda somma ta' flus, ta' eluf ta' flus, kull wiehed. Fil-fatt, fil-hamsa ta' Lulju s-sentenza nghatat, u s-sentenza kienet ta' tnaqqis ta' erba snin habs fil-piena. Il-Pulizija, fuq informazzjoni li kellha qabel is-sentenza, kompliet issegwi dak li gara wara s-sentenza, u irrizultalha li kienu thallsu flus liz-zewg Imhallfin imsemmija. L-investigazzjoniiiet, l-interrogatorju ta' xhieda, bdew wara li l-Imhallef Patrick Vella gie lura mis-safar fis-27 ta' Lulju. L-investigazzjonijiet qeghdin ikomplu llum, meta z-zewg Imhallfin, separatament, intalbu jmorru ghand il-Kummissarju tal-Pulizija…

Wara l-laqgha mal-Kap ta' l-Oppozizzjoni, jien laqqajt il-Kabinett, u infurmajtu bl-izviluppi sa dak il-hin, naturalment il-Kabinett bhali jaqbel li ghandhom jittiehdu u jkomplu l-proceduri b'mod normali kif jimponu l-ligijiet, u l-Kabinett iddecidejna, illi l-materja hemm bzonn tigi mgharrfha lill-pubbliku, u ghalhekk jien qed naghmel din il-konferenza stampa. Irrid nghid ukoll illi l-Kap ta' l-Oppozizzjoni infurmajtu li ser naghmel din il-konferenza stampa, u ser naghti dawn id-dettalji.

Nappella lill-pubbliku biex kulhadd jistenna r-rizultati ta' l-investigazzjonijiet skond il-ligi, u jqis, li dak li qed jigri jikkonferma, li l-istituzzjonijiet tal-pajjiz jahdmu fil-konfront ta' kulhadd, u ghandna lkoll jibqa' jkollna fiducja fl-istituzzjonijiet ta' pajjizna. Dak li rrid nghid…

…imma huwa li-proceduri jibqghu ghaddejjin b'mod normali bhal investigazzjonijiet ohra. Jien kif ghidt ghandi nghid ghax meta ghandek zewg Imhallfin qed jigu

investigati, jidhirli li l-pubbliku ghandu jkun maghraf, pero` l-proceduri huma l-proceduri normali bhal kull kaz iehor…

…s’issa qed nitkellmu fuq investigazzjonijiet u hadd ma ghandu jaqbez ghall-konkluzjonijiet qabel ma jkun hemm il-konkluzjonijiet…

Jiena m’inix hawn biex naghti pariri legali, imma hemm il-Kostituzzjoni tirregola l-materja…

…x’ser jkun ir-rizultat ta’ l-investigazzjonijiet ma nistax nghid jien…

Il-proceduri f’dan il-kaz qed nghid, investigazzjonijiet ghal reati kriminali trid tigi segwita l-ligi fil-konfront ta’ dawn iz-zewg persuni bhal kull persuna ohra…

Naturalment l-investigazzjonijiet tfisser li gew interrogati diversi nies, diversi nies ghamlu stqarrijiet, u l-Pulizija bhal kull kaz iehor trid taghmel il-valutazzjoni tal-provi li ghanda biex eventwalment jekk ikun il-kaz, isiru akkuzi…

Dak jarawh huma, l-Imhallfin huma awtonomi m’ghandi dritt nordnalhom xejn.

**Mistoqsija:**
Ser jiddahhal xi Magistrat f’din l-investigazzjoni?

**Il-Prim Ministru:**
L-investigazzjoni hija bhal kull investigazzjoni ohra, il-Pulizija ghandha informazzjoni, qed tinterroga n-nies, fosthom zewg Imhallfin…”

Jigi osservat li l-Onorevoli Prim Ministru jsemmi li l-kawza kienet ir-Repubblika ta’ Malta kontra Mario Camilleri, jsemmi li fl-ewwel Qorti, l-akkuzat Mario Camilleri kien gie misjub hati wara li kien ghamel ammissjoni huwa stess, ta’ reati ta’ traffikar ta’ droga u reati ohra konnessi, u gie ikkundannat ghal-sittax-il sena habs, u li granet qabel is-sentenza ta’ l-Appell, sar maghruf, li kienu qeghdin isiru kuntatti ghan-nom ta’ l-akkuzat mal-Imhallef. Ma jsemmih imkien iehor u li jissemmew l-Imhallfin u anke bil-mod kif

gie kwotat hawn fuq. Semma li l-proceduri jibqghu ghaddejjin b'mod normali bhal investigazzjonijiet ohra... il-proceduri huma l-proceduri normali bhal kull kaz iehor…… s'issa qed nitkellmu fuq investigazzjonijiet u hadd ma ghandu jaqbez ghall-konkluzjonijiet qabel ma jkun hemm il-konkluzjonijiet……x'ser jkun ir-rizultat ta' l-investigazzjonijiet ma nistax nghid jien…L-investigazzjoni hija bhal kull investigazzjoni ohra, il-Pulizija ghandha informazzjoni, qed tinterroga n-nies, fosthom zewg Imhallfin.

***D3. IL-KOSTITUZZJONI U L-KAP 319:***

Il-Kostituzzjoni fl-artikolu 39(5) tghid li:
"(5) Kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi pruvat jew ikun wiegeb li huwa hati:"

Waqt li fl-artikolu 39(1) tghid:
"(1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi."

Ukoll il-Kap 319 artikolu 6(1) jghid:
"(1) Fid-decizjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."

Dan kollu jwassal li smigh xieraq huwa dritt ta' kull persuna u li jrid ikun applikabbli sa mill-bidu nett ta' kull proceduri, u kull persuna li tallega li xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni tkun

qieghda jew ser tigi miksura ghandha dritt titlob lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili ghar-rimedju. Huwa obbligu ta' kull Qorti biex tara li l-Kostituzzjoni u l-provvedimenti taghha jigu osservati. Wiehed mill-elementi konnessi mas-smigh xieraq huwa l-kuncett tal-prezunzjoni ta' l-innocenza li jinsab ben definit fl-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja. Id-dritt tal-prezunzjoni ta' l-innocenza jista' jigi ezaminat f'kull zmien u jista' jinkiser mhux biss mill-awtorita` gudizzjarja izda wkoll minn awtoritajiet ohra (ara decizjoni Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Allenet De Ribemont vs Franza**, numru 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995) bhal kif qieghed jigi allegat fil-kaz in ezami. Ghalhekk jinkombi fuq din il-Qorti li tezamina jekk il-kliem tal-Prim Ministru kif ukoll ta' artikoli jew programmi li komplew imexxu fuq dan il-kliem wasslux biex il-prezunzjoni ta' l-innocenza fil-konfront ta' l-imputati gietx b'xi mod skussjata.

F'dan l-istadju l-Qorti thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali moghtija fid-29 ta' Ottubru 2003 fl-Appell Civili Numru 22/02 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo LL.D. u Dr. Patrick Vella LL.D.** Izda din il-Qorti thoss li hemm differenza sostanzjali dwar dak li nghad fil-konfront ta' l-imputati odjerni b'mod li l-ewwel nett wiehed biss jissemma b'ismu, u jinghad ukoll li kienu qeghdin isiru kuntatti ghan-nom ta' l-akkuzat mal-Imhallef.

***<u>D4. SOTTOMISSJONIJIET TA' L-IMPUTATI</u>***

L-imputati ghamlu referenza ghas-sentenza tad-29 ta' Ottubru tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo u Dr. Patrick Vella**, f'liema sentenza l-Qorti Kostituzzjonali kkonkludiet illi:
"mill-assjem tal-konsiderazzjonijiet illi hija ghamlet sa, issa, gja hemm ragunijiet bizzejjed sabiex jigi dikjarat illi gie lez id-dritt taghhom tal-presunzjoni ta' l-innocenza garantit bl-artikoli 39(5) tal-Kostituzzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea."

Isostnu li l-kaz kontra Dr. Arrigo u Dr.Vella min-naha wahda, u l-kaz kontra Zammit u l-Camillerijiet, huma **intrikament relatati u konnessi.** Ziedu li**:**

**In-nexus** bejn dawn iz-zewg kazijiet ghalhekk huwa **manifest,** apparenti u *fuori dubbio.* Dan huwa ulterjorment sostanzjat ghaliex jekk, fid-diskors ta’ Dr.Edward Fenech Adami, inghatat impressjoni lil l-ex imhallfin huma hatja, bhalma irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali, huwa **necessarjament implicitu** illi nghatat impressjoni li l-allegat **komplici** (ko-partecipanti) f’dan ir-reat, it-terzi persuni li direttament jew indirettament allegatament ippartecipaw fih, huma wkoll hatja.

Jirreferu ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza datata 10 ta’ Frar 1995 fl-ismijiet **Allenet de Ribemont vs France** (Applik. 00015175/89), Ser.A no.308 1996 22 EHRR 582, fejn il-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tai-Bniedem iddikjarat illi:
***“reference, without qualification, at a press conference conducted by senior officials that a person was an accomplice to murder amounted to a declaration of guilt in breach of Article 6(2).”***

Irreferew ukoll ghal dak li ntqal f’**Daktaras vs Lithuania** no. 42095/98,para 41-42, ECHR 2000-X mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem li 1-presunzjoni ta’ 1-innocenza hija miksura:
“if a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects anopinion that he is guilty before he has been proved so according to law. **It suffices**, even in the absence of a formal finding, that there is some reasoning **to suggest that the official regards the accused as guilty.** Moreover, the presumption of innocence may be infringed not only by **a** judge or court but also by other public authorities.”

Izda huwa logiku li kull kaz fih il-fattispecji tieghu u din il-Qorti gja semmiet differenzi kbar bejn il-kazijiet ta’ Camilleri et u l-kaz l-iehor ta’ Dr. Vella et.

***<u>D5. NOTA TA’ SOTTOMISSJONIJIET TAL-AVUKAT GENERALI U L-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA</u>***

L-Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija rreferew ghall-A**MBITU TAT-TALBA GHAL RIFERENZA** Camilleri, Camilleri u Zammit abbinaw il-kaz taghhom ma’ dak tal-ex

Imhallfin u qed jibbazaw it-talbiet taghhom fuq dak li gie deciz fil-kawza tal-istess ex Imhallfin. Sostnew li l-ezami ta’ din l-Onorabbli Qorti ghandu jkun limitat ghal jekk bil-konferenza stampa tal-ex-Prim Ministru gewx lezi d-drittijiet tar-rikorrenti u xejn aktar. Kien ghalhekk li sostnew li kwalunkwe referenza ghall-programmi fuq il-***media*** m’ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti ghall-finijiet tal-kaz odjern.

Irrilevaw li **L-KONFERENZA STAMPA TA’ L-Onor. DR. E. FENECH ADAMI** inghatat fid-dawl ta’ l-emergenza li nholqot fil-pajjiz rizultat ta’ l-investigazzjoni ta’ zewg persuni b’karigi gholjin b’konnessoni ma’ reati serji. Fil-konferenza stampa kien li jinghataw dettalji dwar l-investigazzjonijiet li kienu ghaddejjin filkonfront ta’ l-ex Imhallfin biss ghax kien fir-rigward taghhom u ta’ hadd iktar li nholoq agha u sensazzjoni fil-pajjiz. Wiehed ma jistax joqghod jispigola certu frazijiet mill-konferenza stampa li ta l-ex Onorevoli Prim Mnistru minghajr ma jehodhom fil-kuntest ta’ dak kollu li ntqal fiha specjalmement meta jitqies li l-istess ex Prim Ministru qal ghal darba darbtejn illi l-investigazzjonijiet kienu ser ikomplu u wiehed kellu jistenna r-rizultat tal-process kollu.

Irreferew ghan-nota presentata precedentement dwar **GURISPRUDENZA TAL-QORTI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM** u senjatament ghall-kaz **Allenet de Ribemont v France.**

Dwar **IL-PROGRAMMI TAL-MEDIA** l-Avukat Generali sostna li l-ezami ta’ din il-Qorti ghandu jkun limitat ghal jekk bil-konferenza stampa ta’ l-ex-Prim Ministru gewx lezi d-drittijiet tar-rikorrenti u xejn aktar. Illi jsegwi ghalhekk illi kwalunkwe referenza ghal programmi fuq il-***media*** m’ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni minn din li-Onorabbli Qorti ghall-finijiet tal-kaz odjern. Illi certament programmi bhal dawk imsemmija mir-rikorrenti m’humhiex awtorita` pubblika u ghalhekk ma jistghux jigu applikati ghalihom l-istess logika u parametri legali li huma applikabbli ghal stqarrijiet minn awtoritajiet pubblici.

***<u>D6. IL-GURISPRUDENZA TAL-QRATI MALTIN U TAL-QORTI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM DWAR IL-KWISTJONI TA' FAIR TRIAL U PREZUZNZJONI TA' L-INNOCENZA</u>***

Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' April 1973 fl-ismijiet **Formosa vs Kummissarju tal-Pulizija** intqal b'mod car  illi biex wiehed jezamina jekk process hux gust ghandu jara l-process fl-interezza tieghu. Dak li trid tara l-Qorti hu jekk hemmx ksur tal-provvedimenti kostituzzjonali u mhux jekk kienx hemm xi nuqqas ta' prudenza min-naha ta' xi hadd. Ghalhekk l-elementi ta' l-interezza u tal-ksur ta' xi provvediment kostituzzjonali hu dak li l-Qorti ghandha l-obbligu li tezamina.

Fis-sentenza **Dakatras v Lithuania (**No 42095/98 ECHR deciza fl-10 ta' Ottubru 2000) il-Qorti ghamlet enfazi fuq l-ghazla tal-kliem li jkun intqal mill-awtorita` u qalet hekk:
"Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the statement was made."

F'dan il-kaz il-Qorti Ewropea ghamlet enfazi fuq l-ghazla tal-kliem li jkun intqal mill-awtorita` u qalet hekk :
"Nevertheless, whether a statement of a public official is in breach of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the statement was made."

Illi f'dan il-kaz ta' Daktaras lanqas meta l-Ufficjal Prosekutur fil-kors tal- Proceduri Kriminali esplicitament u kjarament iddikjara li l-htija ta' l-imputat kienet giet pruvata ma gie ritenut li kiser il-prezunzjoni ta' l-innocenza ghax il-Qorti Ewropea ddecidiet li dak li effettivament kien qieghed jghid l-ufficjal Prosejutur kien li hemm evidenza bizzejjed li tiggustifika li l-imputat jigi processat.

Illi ghal darb'ohra meta mqabbel mal-kaz odjern l-ex Prim Ministru kien kawt hafna fid-diskors u uza kliem prudenti. Illi zgur li ma jistax jinghad illi l-kuntest illi fih issemma Mario Camilleri bhala li jifforma parti minn okkju ta' kawza

b'xi mod ikkomprometta l-prezunzjoni ta' l-innocenza tieghu.

Fis-sentenza ta' **Butkevieius v Lithuania** (No 48297/99 ECHR deciza fit-12 ta' Marzu 2002) gie ritenut li l-kliem lamentat ghandhom jittiehdu fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari li fihom intqalu l-istess kliem. Kuntrarjament ghall-kaz odjern, il-kliem lamentat f'dik il-kawza kien jimplika b'mod car u tond il-htija ta' l-applikant minghajr ma saret ebda riserva. Hemm il-Qorti Ewropea ghamlitha cara li biex ikun hemm ksur tal-prezunzjoni ta' l-innocenza jrid ikun hemm xi diskors mill-ufficjal li jammonta ghal dikjarazzjoni ta' htija tar-reat kriminali addebitat lill-persuna. Mhux bizzejjed ghalhekk li jkun hemm diskors li jammonta ghal dikjarazzjoni li hemm evidenza **li tista' ssostni akkuza** ta' reat kriminali izda jrid ikun diskors li **jammonta ghal dikjarazzjoni ta' htija.**

**Fis-sentenza ta' Allenet de Ribemont v France** (No 3/1994/450/529 deciza fit-23 ta' Jannar 1995) il-Qorti irreferiet ghad-dritt tal-liberta` ta' l-espressjoni sancit bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni u kkonfermat li dan jimplika l-liberta` li wiehed jircievi u jghaddi l-informazzjoni. Inghad li l-provvedimenti li jirrigwardaw id-dritt tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ma jistghux jimpedixxu lill-awtoritajiet li jaghtu informazzjoni lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' natura kriminali li jkunu ghaddejjin. Skond il-Qorti ghalhekk il-provvedimenti li jirrigwardaw id-dritt tal-prezunzjoni ta' l-innocenza ma jistghux jimpedixxu lill-awtoritajiet li jaghtu informazzjoni lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' natura kriminali li jkunu ghaddejjin. Fil-kaz ta' Ribemont, il-kontenut ta' l-istqarrijiet tal-Pulizija (li kienu jiffurmaw parti mill-investigazzjonijiet gudizzjarji) fil-prezenza tal-Ministru ta' l-Intern kien jinkludi ***statements*** diretti lejn nies partikolari fosthom l-applikant li wkoll issemmew b'isimhom kuntrarjament ghall-kaz odjern. Fil-fatt f'paragrafu 41 il-Qorti Ewropea qalet hekk:
"The Court notes that in the instant case some of the highest ranking officers in the French Police referred to Mr Allenet de Ribemont, **without any qualification or reservation, as one of the instigators of a murder and thus an accomplice in that murder** (see paragraph 11)**.**

This was clearly a declaration of the applicant's guilt which, firstly, **encouraged the public to believe him guilty** and, secondly, **prejudiced the assessment of the facts by the competent judicial authority.** There has therefore been a breach of Article 6 paragraph 2."

Ghalhekk f'dak il-kaz l-awtoritajiet ma illimitawx ruhhom ghal stqarrijiet ta' fatti imma effettivament evalwaw dawk il-fatti billi taw karatterizzazzjoni legali lil dawk il-fatti bhal "***instigation to murder***" u cioe` dikjarazzjoni ta' htija dwar komplicita` f'omicidju.

**Fil-kaz ta' Sutter** (Sec 22-02-1984) il-Qorti qalet:
"The Public Character of proceedings before the judicial bodies referred to in Article 6.1 protects litigants against the administration of justice in secret with no public scrutiny; it is also one of the means whereby confidence in the court, superior and inferior, can be maintained. By rending the administration of justice visible, publicity contributes to the achievement of the aim of Article 6.1 namely of a friar trial, the guarantee of which one of the fundamental principles of any democratic society, within the meaning of the convention."

## ***D7. KONKLUZJONI TAL-QORTI DWAR IL-KLIEM TAL-PRIM' MINISTRU***

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami, fil-konfront ta' Camilleri Mario u Pierre, u Zammit, meta wiehed iqis il-kliem li intqal, iqis ic-cikostanzi partikolari tal-kaz [**Dakatras v Lithuania ]** li innecessitaw li l-pubbliku jserrah mohhu fuq certi aspetti, meta l-enfasi tal-konferenza stampa kienet fuq persuni ohra, iqis li l-Prim Ministru diversi drabi semma li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejja u l-kaz irid jigi ezaminat bhal kull kaz iehor, meta ma intqalx kliem b'mod car u tond li l-htija hi tal-applikant minghajr ma saret ebda riserva [**Butkevieius v Lithuania]** ma thossx li l-Prim Ministru ikkomprometta l-prezunzjoni ta' l-innocenza taghhom.

## ***D8. INDIPENDENZA U IMPARZJALITA` OGGETTIVA TAL-QORTI:***

Il-Qorti sejra tikkwota mis-sentenza moghtija mill-Qorti kostituzzjonali fid-29 ta' Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijet Il-Pulizija vs Dr. Noel Arrigo u Dr. Patrick Vella dwar dan l-aspett, u sejra tikkummenta in segwitu.
"Tajjeb illi l-ewwel jigi konsidrat l-ilment (ii). Irid jinghad mill-ewwel illi l-appellanti, permezz tal-legali taghhom, iddikjaraw illi huma qed jillimitaw l-ilment taghhom fir-rigward ghal nuqqas ta' indipendenza u imparzjalità <u>oggettiva</u> u mhux soggettiva.

Dwar dan l-ilment, l-appellant Dr. Patrick Vella jghid hekk fir-rikors ta' appell tieghu (p.17):

"Illi stabbilit li ma hemm ebda dubju li gew vjolati l-artikoli 39(5) u 6(2) tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament l-esponent isostni li gew ukoll vjolati l-artikoli 39(1) u 6(1) tal-istess, fis-sens li <u>oggettivament</u>, b'dak li ntqal fl-imsemmija Konferenza Stampa, qatt ma jista' jinghata smiegh xieraq <u>peress li qatt ma jista' jkun hemm gudikant imparzjali</u>." (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, din is-sottomissjoni ta' l-appellant Dr. Patrick Vella mhix valida ghaliex, anke kieku f'dan l-istadju, ghall-grazzja ta' l-argument, kellu jigi konsidrat illi gie lez id-dritt fundamentali tieghu tal-prezunzjoni ta' l-innocenza garantit bl-artikoli 39(5) tal-Kostitutizzjoni u 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-istess appellant mhux gustifikat illi jirritjeni illi l-proceduri kriminali in kwestjoni ma jistghux jigu determinati minn qorti <u>oggettivament</u> indipendenti u imparzjali. Infatti, dina l-Qorti taqbel illi, kif tajjeb issottometta l-Avukat Generali waqt it-trattazzjoni orali quddiem l-ewwel Qorti (fol. 214 *et seq.*), fis-sistema guridiku taghna hemm garanziji u salvagwardji bizzejjed b'mod illi, anke jekk kellu jirrizulta illi, permezz ta' kliem illi ntqal waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, giet pregudikata l-prezunzjoni ta' l-innocenza ta' l-appellanti, ma jistax jinghad illi r-reati kriminali illi bihom huma akkuzati l-istess appellanti ma jigux determinati minn qorti oggettivament indipendenti u imparzjali. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan japplika kemm jekk il-proceduri kriminali relativi jigu determinati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kemm

jekk l-istess proceduri jigu determinati mill-Qorti Kriminali, bil-partecipazzjoni tal-gurati jew minghajr din il-partecipazzjoni, u kemm f'kaz ta' xi eventwali appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali;

Illi l-fehma ta' dina l-Qorti, espressa fil-paragrafu ta' qabel dan, tapplika ukoll ghal dak illi ssottometta dwar l-ilment in ezami l-appellant Dr. Noel Arrigo fir-rikors ta' appell tieghu (p. 3, paragrafu illi jibda bil-kelmiet "Fit-tieni lok, l-esponent ghandu biza oggettivament gustifikat");

Illi, ghalhekk, l-ilment in ezami ta' l-appellanti mhux fondat;… "

Dan huwa aspett li fil-fehma ta' din il-Qorti huwa fundamentali ghall-kawza in ezami u ghad-decizjonijiet kollha tal-Qrati. Hija propju l-kolonna u l-qafas ta' dak li jsir il-Qorti u hu propju ghalhekk li hemm necessita` essenzjali ta' l-indipendenza totali tal-Qrati minn kull awtorita` ohra. Hija propju l-indipendenza tal-Qrati li tista' sserrah mohh kull akkuzat jew parti f'kawza li l-Qrati huma indipendenti u imparzjali b'mod li ma jistghux jigu influwenzati minn xi parti, tkun minn tkun. Ghalkemm f'mohh sezzjonijiet mill-poplu l-indipendenza tal-gudikanti hija xi favur moghti lill-gudikanti, dan huwa kuncett totalment zbaljat ghax l-indipendenza tal-gudikant hija kuncett fundamentali tal-gustizzja moghti favur l-individwu u mhux favur il-gudikant ghax permezz tieghu l-akkuzat jew il-parti ghandha mohha mistrieh fl-imparzjalita` oggettiva tal-gudikant fil-kawza tieghu.

Stante li dan huwa principju li jezisti fil-Kostituzzjoni taghna u fil-gurisprudenza li dejjem kostantement b'mod zeluz haddnet dan il-principju, il-Qorti bil-fors li thoss li kull kliem li seta' ntqal minn kull persuna, awtorita`, gurnal, mezzi ohra tax-xandir, ma jistax jaffettwa d-decizjoni finali ta' gudikant u dana kemm tal-Qorti tal-Magistrati, tal-Qorti Kriminali jew ta' l-Appell. L-istess principju gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fuq imsemmija, Il-Pulizija vs Dr. Arrigo et, u din il-Qorti pjenament tikkondividi dak li ntqal, u ghalhekk anke li kieku dak li ntqal fil-partijiet precedenti ta' din is-sentenza ma kellhomx jigu accettati

xorta wahda taht dan l-aspett is-sottomissjonijiet ta’ l-imputati ma jistghux ikollhom ezitu favorevoli minhabba l-indipendenza u imparzjalita` oggettiva tal-gudikant. Ebda gudikant li jisthoqqlu jkun tali m’hu sejjer qatt ikun influwenzat minn xi kliem li xi awtorita` tista’ tghaddi u ghalhekk anke jekk wiehed kellu ma jaqbilx ma’ dak li ntqal fil-partijiet precedenti ta’ din is-sentenza, xorta wahda dan l-element huwa sufficjenti biex b’mod definittiv jiddeciedi kompletament ir-referenza maghmula. Il-Qorti ghalhekk kategorikament thoss li s-sottomissjonijiet ta’ l-imputati m’ghandhomx jigu milqugha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Tordna li kopja ta’ din id-decizjoni tintbaghat lill-Qorti tal-Magistrati ghall-passi opportuni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------